MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 87/2015

**Olimpus Music Limited (C 17736)**

**Vs**

**Sabrina Limited (C 51301)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar il-11 ta' Marzu 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-

socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, mitejn u sebgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,257.06) rapprezentanti fatturi mahruga lis-socjeta’ intimata in servizzi rezi fuq inkarigu tieghu stess u li sallum dan l-ammont ghadu ma thallasx minkejja li s-socjeta’ intimata giet interpellata diversi drabi (rendikont anness flimkien mal-fatturi relattivi mmarkati bhala Dok OL1 sa OL 7).

Semghet lil **Raissa Buttigieg** tixhed fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2015 ghan-nom u in rappresentanza tal-Maltapost p.l.c. u tghid illi hija kienet il-pustiera li marret ghand is-socjeta’ konvenuta sabiex tinnotifikaha bl-att gudizzjarju li kien hemm fl-envelop esebit fl-atti bit-timbru *‘refused’*. Spjegat illi l-ufficcju tas-socjeta’ konvenuta kien miftuh u kien hemm segretarja li ma riditx izomm l-att u kien ghalhekk li rritornat l-att bil-kelma *‘refused’*.

Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta kienet notifikata bir-rikors promotur u naqset li tidher il-Qorti sabiex tikkontesta t-talba hemm kontenuta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta Mejju 2015 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u l-kawza giet differita ghat-3 ta’ Gunju 2015.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2015 is-socjeta’ konvenuta ma dehritx sabiex tikkontesta t-talba kontenuta fir-rikors promotur.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors promotur b'dan illi qieghda tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sabrina Limited thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma indikata fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u sebgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,257.06) ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur .**

**Bl-ispejjez tal-prezenti a karigu tas-socjeta' konvenuta u bl-imghax fuq is-sorte jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------